[*Din ħadet l-ewwel premju tan-novelli*]

# X'KELLU JAGĦMILHOM ĦBIEB!

Żmien ilu ħafna miż-żgħażagħ ta' Marsaxlokk, mita jkunu fuq il-baħar, kien ikollhom seba'-mitt sena jinżlu l-art ħalli dlonk imorru jiżżakkru quddiem Pawla—min iqabbel biex juriha x'għannej fih, min ilablab ma sħabu bla mistrieħ biex juriha kemm jaf xi jgħid, min imelles wiċċu u jaqleb għajnejh kull naħa biex juriha x-xeħta ħelwa tiegħu.

L-ebda wieħed minnhom ma kien juri 'll-ieħor x'kellu f'qalbu. Huwa min irid jaqla xi saram li wara jisgħobbih ? Xi ħlieqa kien ikun fihom tismagħhom jistaqsu 'l xulxin jekk iħobbux lil Pawla u kollha jkollhom dik il-le lesta f'xifer ilsienhom.

Kellhom tassew għalfejn jagħmlu hekk għaliex Pawla, għal-kemm kienet tkun mistura sa għarqbejha b'xi dendula mraq-qagħ, ħafja u xagħarha iktarx imqanfed, kienet tħollok bi ġmielha.

* * *

Iżda minn fost iż-żgħażagħ Xlokkajri kollha Pawla ma kienitx tixtieq tati l-wiċċ ħlief lil Toni, billi kien jiġbidha bil-għana tiegħu u ħafif kemm tridu, u 'l Wiżu billi kien imsemmi għas-sajd u għas-saħħa.

Ta' għaqlija li kienet hi rat kif qatgħet lil kull żagħżugħ li kien imur jiżżakkar quddiemha, barra minn Wiżu u Toni. X'kienet tistenna, li xi xellej jgħejd lil missierha li hi kienet

qiegħda ttajjar kemm il-żagħżugħ kien hemm ġo Marsaxlokk, u wara li jkissrilha għadamha ma jħallihiex tixref fil-bieb weħidha —inqas biex tmur sal-knisja? Imbagħad kif kienet tistabar jekk kien ikollha bilfors tħares lejn l-art, l-iktar mita tiltaqa' ma' Wiżu jew ma' Toni?

Tistgħu taħsbu għalhekk kif Toni u Wiżu kienu saru kelb u qattus għal xulxin. Bħal ma Toni kien jiżbel għax jaqbad lil Pawla tħares ħelu lejn Wiżu, daqstant ieħor kien jiżbel Wiżu għal Toni, anzi xi ħaġa iżjed billi kien jaf li bħal Toni jrid għaxra. Il-ħars ikreh tagħhom lejn xulxin kien ikun ifisser daqs daqqiet ta' sikkina. U kemm-il darba Wiżu kien wasal biex jagħmel għal Toni li kieku Toni ma kienx jaħseb malajr għar-rasu.

Biex dak li kellu jsir isir, Wiżu kien bagħat joħtobha 'l Pawla. Hi wieġbet li kien għadu m'hux mn-Alla.

Toni, min jaf mnejn kien sama' bil-biċċa ta' Wiżu bagħat joħtobha wkoll qabel ma hi tilħaq tati l-kelma 'l Wiżu. U b'hekk Pawla wisq iktar kienet ħawdet rasha. It-tweġiba li kienet tatu ta' tama biss kienet—bħal ta' Wiżu.

Kważi l-ħin kollu hi kienet toqgħod ittella u tniżżel lil min minnhom ser taqbad tagħżel. Miskina, x'nefħa ta' dwejjaq, kull darba li ma kenitx tista ssib kif taqbad taqtagħha, hi kienet tonfoħ. Kellha ħajra kbira għat-tnejn u kienet taf li 'l wieħed minnhom biss imissha tħobb biex lilu tiżżewweġ.

* * *

Ftit jiem wara, għall-ħabta ta' nżul ix-xemx, Pawla kienet lejn il-Għar l-Aħmar tagħmel ftit lixka għal missierha sabiex il-għada mas-sebħ isib biex joħroġ jistad.

Bilfors li Toni kien lemaħha ħierġa bil-kajjik, kieku ma kenitx issibu warajha hekk malajr, iqabbel fuq l-imħabba. Il-biża' li xi ħadd jaqbadhom il-hemm wara qrib xulxin, ma kienx ħallieha titgħaxxaq sa barra. U Toni ma qagħad iqis xejn, inqas li kien jista jinqàla Wiżu minn xi mkien.

F'nofs it-tielet għanja Toni waqaf b'ħasda u beda jaqdef il-barra minn Pawla li ħabta u sabta kienet sfaret daqs il-qoxra tax-xemgħa.

"Agħ—hekk u hekk, jaqaw qiegħed taħseb li b'leħnek ser teħodhieli 'l Pawla—ma tarax," għajjat Wiżu, jilheġ donnu barri.

"Eh—lilek min kellmek, ħej," Toni wieġbu.

"Ara min kellimni—int, għax int mort toħtobha fuqi. Ħares jien kollox nisma, taf."

"Aħjar għalik, mela billi int taħseb li ħadd ma jatik xebgħa Pawla għandha bilfors tiġġennen għalik?"

U kelma taqla 'll-oħra l-qiegħa kienet bdiet tisħon sewwa.

Ma' kull waħda li jgħidlu Wiżu, Toni jgħidlu ħamsa. Għajru 'l xulxin bla żejt f'wiċċhom.

Fl-aħħar Wiżu ntilef f'demmu, qadef tnejn fuq Toni u rafa' l-moqdief biex jaqsamlu rasu bih.

Dik id-daqqa li żgur kienet tħallih taħtha, Toni rnexxielu jeħlisha, u qallu, "is—is, mela b'hekk trid iġġib tiegħek minn fuq, jien ukoll għandi mqadef, ja—."

U ħej bdew ixejru bl-imqadef li riedu joqtlu 'l xulxin. X'ħeffa kellu Toni biex flok ma laqqatha kellu l-ħila jolqot darbtejn 'ill-għadu tiegħu, waqt li ilsienu baqa' jgħid.

Pawla ma felħitx iżżomm iżjed fommha sieket. Bdiet twerżaq kemm tiflaħ u taqdef lejhom. Iżda ma' min sejra taqbad iżżomm? Bla biża' xejn baqgħet taqdef għal bejnhom, u kellha l-ħila twaqqaf il-ġlieda, għax it-tnejn kienu beżgħu li jekk jolqtuha jweġġgħuha bl-ikreħ żgur.

Il-ġlieda waqqfitha kieku, imma la Toni u inqas Wiżu ma kien ried jitlaq l-ewwel. U Pawla ma reditx inqas li tħallihom warajha f'dik is-saħna kollha. Biex telqu minn hemm ftit ta' nies hi kellha taqdef f'nofshom sakemm waslu x-xatt.

Kienu daħlu d-dar imbaqbqin sa mnieħerhom, u fil-ħin ittnejn bit-tama għal Pawla. Wiżu raqad bil-ħsieb li jfiittex ixxoqqa f'moxtha biex jidlikha 'l Toni. Mill-banda l-oħra Toni bilħsieb li jati 'l Wiżu ħasla kif imiss quddiem in-nies.

* * *

Mela l-għada s-sbejħa Pawla ma tlaqqatx ċmajra u tinxteħet f'qiegħ ta' sodda! Dan żgur li l-maħbubin tagħha jaqbadhom ferħ ta' ġenn mita għal tlitt ijiem sħaħ ma kienu setgħu jarawha imkien. U tafu kif kienu saru jafu xi ġralha, kien daħal ilqassis jiġri fejn kienet tgħammar hi u bħal xrara nar Marsaxlokk kollu ħa' li hi kienet qiegħda tmut.

Toni għaġġel għall-bieb tal-ħanut ta' biswit Pawla. Wiżu qabeż ġol-kajjik tiegħu u telaq lejn dik in-naħa wkoll. It-tnejn kellhom qalbhom ittaqtaq; it-tnejn kellhom xi demgħa f'għajnejhom; it-tnejn kienu minngħajr kliem f'fommhom.

Kemm wieħed u kemm l-ieħor kienu ndunaw b'xulxin. U li jidħlu jaraw lil Pawla huma kienu qegħdin jixxennqu; iżda minn xulxin ħassew mistħija kbira.

Minnufih semgħu twerżiq u biki qawwi jidwi minn ġod-dar ta' Pawla; u raw ukoll 'ill-ġirien jixirfu mit-twieqi u l-bieb tagħhom b'ħars imlebleb, waqt li oħrajn telqu jiġru. Xejn u 'l ħadd iktar ma qiesu. Iżjed ħfief milli qatt kienu, huma taru għall-kamra ċkejkna u bla xejn tiżjin, li kienet trid tinqasam tnejn bit-twerżiq, bil-biki, u bin-nies. Iddeffsu mill-aħjar li setgħu.

Fir-rokna sewwa tal-kamra għajnejhom waqgħu fuq il-wiċċ

abjad silġ u l-ġisem ma jiċċaqlaqx ta' Pawla. Miskina, xejn ma kienet qiegħda tati widen għal dak kollu li kien qiegħed jiġġarrab imħabba fiha. Kienet għadha kif sellmet l-aħħar tislima tagħha lid-dinja — l-iktar liż-żewġ żgħażagħ sajjieda li ħdejn xulxin kienu imbikkmin quddiemha.

Ommha kienet qiegħda twerżaq, "jaħasra Pawla binti...... kemm kont ngħidlek biex wara li taħsel il-ħwejjeġ għax-xemx, fuq il-għajn.... ma tinxteħitx għall-qiegħa ta' l-art, bejn il-bwieb."

Missierha nduna bihom. Qam minn fuq xifer is-sodda u daħal f'nofshom. "Taraw lux uliedi kif mietet b'laħamha u xaħamha...... jaħasra, la kienet miktuba għalik Wiż u inqas għalik Ton," qallhom imbikki u reġa' ntefa' fejn kien.

It-tnejn ma felħux iwieġbu bil-għoqla li kellhom fi griżmejhom. Dak il-kliem ta missierha kien jonqoshom biex jinfaqgħu f'bikja ta' tarbija. Id-dmugħ li qabeż minn għajnejhom kollu xxottawh bil-kmiem tal-qmis. Nifshom kważi nqatâlhom bl-uġigħ ta' qalb. Kemm kienu jħobbuha!

Mita seta jitkellem ftit Wiżu temtem f'widint Toni, "T...... ara jekk il-ġimgħa l-oħra kont ser noqtlok bil-moqdief..... aħfirli, issa mietet Pawla."

"U int Wiż ma taħfirlix għal dik it-tgħajjira li għajjartek quddiemha," kollu sogħbien wieġbu Toni. "La mietet issa Alla jaħfrilha...hekk kien miktub."

* * *

Tafux illi minn dak il-jum il-hawn Toni u Wiżu kienu saru l-ikbar żewġ ħbieb fost ix-Xlokkajri!

It-tnejn kienu libsu l-Pawla berritta sewda. Kull nhar ta' Ħamis fil-għaxija—il-jum li fih kienet mietet, erħilhom jitilgħu saż-Żejtun għal quddiem qabarha jgħidulha ħames posti. U għadhom sal-lum ma jridux jiżżewġu għax jibżgħu li l-ħbiberija tagħhom tiġi fix-xejn.

U mhi xejn ħaġa kbira li Pawla, Toni u Wiżu, it-tlieta minn qiegħ Marsaxlokk, kienu għaddew minn dal-baħar. Minn fuq il-bniedem, ikun min ikun, jistgħu jgħaddu ġrajja li qatt ma ħlomna bihom, tafux.

DOLMERR (NAZARENO CARABOTT)